MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 959/2003

Lloyd’s Malta Limited (C 24284)
vs
General Insurance Agency Limited (C791) u Emanuel Vella

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici li biha ppremettiet:

Peress illi fit-28 ta’ Novernbru 2002, kienet inghatat sentenza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet “Emanuel Vella – vs - Lloyd’s Malta Limited bhala rappresentant ex lege u ghalhekk ghan-nom u in rappresentanza tas-sindakat assikuratur esteru Lloyd’s u General Insurance Agency, Limited, bhala agenta u mandatarja tal-istess sindakat” (Citazz. Nru 1740/00 JRM) li l-atturi odjerni kienu gew kundannati jhallsu s-somma ta’ erbat elef u hames mitt lira (Lm4,500) danni likwidati, oltre

l-imghaxijiet b’effett mid-data tas-sentenza u l-ispejjez giudizzjarji;

Peress illi mill-atti gudizzjarji tal-kawza indikata kien irrizulta li l-atti tal-kawza kienu gew notifikati lis-socjeta` attrici fl-indirizz tas-socjeta` citata l-ohra General Insurance Agency Limited u li kienu gew intavolati eccezzjonijiet f’dawk il-proceduri ghan-nom tal-atturi odjerni minn persuna li ma kellha ebda dritt jew awtorizzazzjoni li taghmel dan; is-socjeta` attrici sahansitra baqghet qatt ma taf bl-ezistenza ta’ dawn il-proceduri sakemm f’Marzu ta’ din is-sena kienet giet mitluba minn Emanuel Vella biex thallas l-ammont kanonizzat fis-sentenza;

Peress illi kif irrizulta ukoll mil-atti tal-kawza in kwistjoni kif ukoll is-sentenza eventwali, irrizulta li l-bazi ta’ dik il-kawza kienet l-allegazzjoni li kienet inharget polza valida ta’ assikurazzjoni mahruga minn General Insurance Services Limited ghan-nom tas-sindakat assikuratur esteru Lloyd’s, bin-numru 3800152-31/1, u dan riferribilment ghall-vettura Ford Escort Mk 5 Salon bin-numru tar-registrazzjoni AAL-873;

Peress illi minn indagni li kienet saret mis-socjeta` attrici ricentement, anke ma’ Lloyd’s gewwa Londra, kien gie accertat li ghalkemm General Insurance Agency Limited kienet harget certifikat ossia *“Certificate of Motor Insurance Through Lloyd‘s of London”* lil Emanuel Vella riferribbilment ghall-vettura indikata u ghall-perjodu bejn l-1 ta’ Frar 1999 sal-31 ta’ Jannar 2000, effettivament ma kellhom ebda relazzjoni ma’ xi principal jew sindikat gewwa Lloyd’s fil-perjodu in kwistjoni mill-1 ta’ Awissu 1998 ‘il quddiem, bil-konsegwenza ghalhekk illi ebda polza ta’ assikurazzjoni ma kienet qatt ezistiet u ma qatt setghet inharget minn ebda sindakat gewwa Lloyd’s favur Emanuel Vella u riferribbli ghall-vettura in kwistjoni;

Peress illi in vista tal-premess ic-certifikat ta’ assikurazzjoni mahrug minn General Insurance Agency Ltd. lil Emanuel Vella kien inhareg frawdolentement; konsegwentement il-Qorti li kienet semghet u ddecidiet il-

kawza istitwita minn Emanuel Vella (Citazz. 1740/00 JRM), liema kawza kienet giet effettivament amministrata minn General Insurance Agency Ltd *ad insaputa* ta' Lloyd's Malta Limited, kienet giet zvijata tassumi li bejn il-partijiet f'dawk il-proceduri kien hemm polza ta' assikurazzjoni valida u veljanti mentri r-realta` kienet l-oppost;

Peress illi s-socjeta` attrici kellha interess li l-kawza deciza fit-28 ta' Novembru 2002 minn dina l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet "Emanuel Vella – vs - Lloyd's Malta Ltd et" tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza ghaliex is-sentenza kienet ittiehdet bil-qerq ta' wahda mill-partijiet bi hsara tas-socjeta` attrici kif inhu mahsub fl-artikolu 811 (a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Is-socjeta` attrici talbet lill-Qorti biex:

1. Tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Qorti fit-22 ta' Novembru 2002 "Emanuel Vella - vs – Lloyd's Malta Limited et" Citaz. Nru. 1740/2000] u

2. Tordna r-ritrattazzjoni tal-istess kawza.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti biex jidhru in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` attrici.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Emanuel Vella li eccepixxa:

1. Illi preliminarjament, is-socjeta` attrici kienet trid tipprova *ad validitatem* illi hija ma appellatx mis-sentenza impunjata minhabba li hija ma kenitx saret taf biha qabel ma ghalaq iz-zmien ghall-appell, kif provdut mill-artikolu 812 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi fil-mertu, it-talbiet attrici kienu infondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu s-sentenza impunjata hija gusta u valida fil-

ligi u ma jissussistux la fil-fatt u l-anqas fid-dritt ir-rekwiziti ta' l-artikolu 811(a) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex is-sentenza impunjata tigi revokata kif mitlub mis-socjeta` attrici;

3. Illi s-socjeta` attrici kienet naqset milli tesponi lill-Qorti li s-socjeta` General Insurance Agency Limited kienet giet appuntata bhala agenti ta' xi principal jew sindakat gewwa Lloyd's, Londra, u kien jinkombi fuqha, semmai, li tipprova li tali agenzija kienet giet validament itterminata fil-konfront tal-konvenut;

4. Illi n-nuqqas tas-socjeta` attrici jew tal-kokonvenuta General Insurance Agency Limited li teccepixxi l-allegata invalidita` tal-polza ta' assigurazzjoni in kwistjoni ma tekwivalix ghal qerq ai termini tal-ligi, mentri l-allegata invalidita` tan-notifika taghha bl-atti tal-kawza fl-ismijiet *Emanuel Vella vs Lloyd's Malta Limited pro et noe* (Cit. Nru 1740/00 JRM) ma setghetx titqies ghall-finijiet ta' din il-kawza billi ma kienet ghamlet l-ebda riferenza ghall-artikolu 811(b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta kif mitlub mill-artikolu 816 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi s-socjeta` attrici kienet ghamlet eccezzjonijiet fil-kawza fl-ismijiet *Emanuel Vella vs Lloyd's Malta Limited pro et noe* (Cit. Nru 1740/00 JRM) u kienet rapprezentata u ppartecipat f'tali proceduri, u ghaldaqstant ma setghetx tilmenta li saret frodi fil-konfront taghha bil-fatt li ma kienux tqajjmu eccezzjonijiet dwar il-validita` tal-polza ta' assigurazzjoni in kwistjoni, anke ghaliex it-talbiet attrici f'dawk il-proceduri kienu gew difizi fil-mertu;

6. Illi f'kull kaz u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet attrici ma kellhomx iwasslu ghar-revoka tas-sentenza impunjata fil-konfront tas-socjeta` General Insurance Services Limited, in kwantu ma kellhiex fi kwalunkwe kaz tgawdi minn kwalsiasi revoka;

7. Illi wkoll f'kull kaz u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, ma kienet qed issir l-ebda allegazzjoni ta' qerq da parti tal-konvenut li ghaldaqstant ma kellux ibati spejjez;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut Emanuel Vella.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' General Insurance Agency Limited li eccepiet:

Illi s-socjeta` konvenuta ma kenitx f'posizzjoni li tressaq eccezzjonijiet f'dan l-istadju, stante li ai termini tal-artikolu 28 *tal-Insurance Business Act* (Kap. 403), l-artikolu 25 tal-*Insurance Brokers and Other Intermediaries Act* (Kap. 404), kif ukoll ai termini *tal-Malta Financial Services Authority Act* (Kap. 330), l-Awtorita` Maltija ghas-Servizzi Finanzjarji kienet appuntat lid-ditta Deloitte & Touche bhala inter alia rapprezentanti gudizzjarji u legali tas-socjeta` konvenuta, u l-istess ditta ghadha mhux edotta mill-fatti li kienu jikkoncernaw dan il-kaz. Ghalhekk l-istess socjeta` konvenuta kienet irriservat id-dritt li tqajjem eccezzjonijiet ulterjuri jekk u meta jkun il-kaz li taghmel dan.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-dikjarazzjoni ta' Mark Gollcher [direttur ta' Lloyd's Malta Limited] li kkonferma li fit-28 ta' Novernbru 2002, kienet inghatat sentenza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **"Emanuel Vella – vs - Lloyd's Malta Limited bhala rappresentant ex lege u ghalhekk ghan-nom u in rappresentanza tas-sindakat assikuratur esteru Lloyd's u General Insurance Agency Limited, bhala agenta u mandatarja tal-istess sindakat"** (Citaz. Nru 1740/00 JRM) li l-atturi odjerni kienu gew kundannati jhallsu s-somma ta' erbat elef u hames mitt lira (Lm4,500) danni likwidati, oltre l-imghaxijiet b'effett mid-data tas-sentenza u l-ispejjez giudizzjarji; u li mill-atti giudizzjarji

tal-kawza indikata rrizulta li l-atti tal-kawza kienu gew notifikati lis-socjeta` attrici fl-indirizz tas-socjeta` citata l-ohra General Insurance Agency Limited u li kienu gew intavolati eccezzjonijiet f'dawk il-proceduri ghan-nom tal-atturi odjerni minn persuna li ma kellha ebda dritt jew awtorizzazzjoni li taghmel dan; is-socjeta` attrici sahansittra baqghet qatt ma taf bl-ezistenza ta' dawn il-proceduri sakemm f'Marzu ta' din is-sena kienet giet mitluba minn Emanuel Vella biex thallas l-ammont kanonizzat fis-sentenza.

Rat id-dikjarazzjoni ta' Emanuel Vella.

Rat id-dikjarazzjoni ta' Paul Darmanin ghan-nom tad-ditta Deloitte & Touche.

Gie pprezentat affidavit ta' Edward Angus Toby Oxley fejn fih issemma li hu ilu impjegat ma' Lloyd's ghal aktar minn 5 snin u ghandu l-kariga ta' Assistant Compliance Officer fil-Compliance Department ta' Lloyd's. Kompla jghid li hu awtorizzat minn Lloyd's biex jixhed dwar il-kaz. Lloyd's mhijiex assikuratrici u ma tassikurax jew tidhol responsabbli ghal riskji. Lloyd's kienet giet giet inkorporata bl-Att nru 1871 (Att tal-Parlament tar-Renju Unit), li jipprovdi l-post u s-servizzi necessarji ghal Assikurazzjoni internazzjonali maghrufa bhala "Lloyd's Market". Dan huwa maghmul minn gruppi ta' individwi u ***corporate underwriters*** maghqudin ghal skopijiet amministrattivi maghrufin bhala syndicates. Fl-1997 Lloyd's dahlet f'***binding authority agreement*** [validu sa Lulju 1998] bejn General Insurance Services Limited u Lloyd's Syndicate 963. Permezz ta' dan seta' jsir ***motor insurance business*** taht certu parametri. Wara l-1 ta' Awissu 1998 ma kien hemm ebda awtorita` ghal ***insurance business***.

Gie prezentat affidavit ta' Kevin John Feeley li hu ***Motor Insurance Underwriter*** ma' Spectrum Syndicate Management Ltd li huwa l-Managing Agent ta' Syndicate 963. Ilu ma' Syndicate 963 minn Gunju 2001. Semma li Syndicate 963 dahal fi ftehim ta' assikurazzjoni ta' muturi ma' General Insurance Services Limited [GIS] ta' Lloyd

House, 8 Battery Street, il-Belt Valletta li permezz tieghu GIS kellha awtorita` li taghmel assiskurazzjonijiet fuq Syndicate 963 taht kundizzjonijiet specifici u dan ghall-perijodu l-1 ta' Mejju, 1997 sal-31 ta' Lulju, 1998, u GIS ma kellha ebda awtorita` ghal wara u infatti certifikati mahruga wara ma humiex koperti b'Syndicate 963.

Rat id-dokument tal-11 ta' Lulju, 2002 tal-Malta Financial Services Centre li permezz tal-poteri moghtija lilha taht l-artikolu 26 tal-***Insurance Business Act*** 1998 irrevoka l-awtorizzazzjoni tal-General Insurance Agency Limited biex tagixxi bhala ***Insurance Agent*** u dan b'effett mill-11 ta' Jannar 2001. Ic-centru kien permezz ta' ittra tat-8 ta' Jannar 2001 impona diversi kundizzjonijiet fuq l-agenzija u peress li c-centru ma kienx kuntent bir-***run-off*** tan-negozju tal-kumpaniji ddecieda li jagixxi b'dak il-mod, u bil-poteri tal-artikolu 28 biex jappunta persuna biex tiehu hsieb l-assi tal-agenzija halli jiehu hsieb l-interessi tal-***insured***, ***policy holders***, ***creditors***, u ***shareholders*** tal-kumpanija u biex jiehu kontroll tal-agenzija. L-istess centru ghamel referenza ghall-artikolu 25 tal-***Insurance Brokers and Other Intermediaries Act*** 1998 u ghalhekk taht dawn iz-zewg artikoli nnomina lil Deloitte & Touche biex tiehu hsieb l-assi u l-kontroll tal-kumpanija u ddelineja l-hatra, ir-responsabbilta`, il-poteri, hlasijiet u provvedimenti generali ghal tali hatra.

Fis-26 ta' Jannar 2005 il-Qorti giet infurmata mill-konsulent legali tal-konvenut Vella li Adriano Cassar Galea ghal General Insurance Agency Limited kien hallas is-sorte relattiva ghall-kawza 1740/00JRM u li ghalhekk il-pendenzi li fadal f'dan l-istadju kienu jirrigwardaw spejjez u imghaxijiet tal-kawza odjerna

Rat il-verbal ta' Dr. Gauci ghal Vella u ta' Dr. Cassar Pullicino ghas-socjeta` attrici li minnu qablu li ma hemmx interess aktar ghas-socjeta` attrici li tkompli tinsisti fuq ir-rimedju ta' ritrattazzjoni tal-kawza b'riserva ghall-ispejjez.

Fis-seduta tad-19 ta' April, 2005 Dr. Cassar Pullicino u Dr. Gauci qablu li ormai il-mertu tal-kawza huwa ezawrit u ghad fadal biss il-kap tal-ispejjez tal-kawza odjerna fejn

Dr. Gauci u Dr. Cassar Pullicino t-tnejn sostnew li l-episodju kollu gie kawzat mill-operat ta' General Insurance Agency Limited.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi ghalhekk huwa car li kawza tal-fatt li l-kumpanija General Insurance Agency Limited ma kellha ebda awtorita` li wara l-31 ta' Lulju 1998 tirrapprezenta aktar taht xi forma lil Lloyd's Syndicate 963 u li ghalhekk kienet hi li kkawzat il-problemi kollha li hargu mill-kaz in kwistjoni u senjatament il-mertu tal-kawza 1740/00JRM. Dan irrizulta kemm mid-dokumenti kif ukoll mill-affidavits prezentati u li b'ebda mod ma gew kuntrarjati mid-ditta General Insurance Agency Limited. Peress li ormai il-hlas principali sar u li ghalhekk kemm Vella kif ukoll is-socjeta` attrici m'ghandhomx aktar interess hlief l-ispejjez u imghaxijiet mhux il-kaz li tidhol fir-ritrattazzjoni u eventwali revoka tas-sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-28 ta' Novembru 2002 fl-ismijiet **Emanuel Vella vs Lloyd's Malta Limited et** citazz. nru. 1740/00 izda thoss li l-ispejjez ta' din il-kawza xorta wahda ghandhom jigu regolati kif ser jinghad hawn taht.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Minhabba dak li ntqal fuq il-Qorti tikkundanna lil General Insurance Agency Limited ghall-hlas tal-ispejjez tal-kawza odjerna minhabba li kien l-agir taghha li proprju kkawza l-proceduri odjerni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------